**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 147 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri, Spettur Lydon Zammit, Spettur Christina Delia)**

**Vs**

**Stephen Cassar**

**Omissis**

Illum, 6 ta' Mejju, 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Stephen Cassar ta' hamsa u tletin sena, iben Joseph u Mary neè Falzon, imwieled Pietà nhar it-23 t' Awwissu, 1984, residenti gewwa 54, Joemar, Triq id-Drama, Qormi, u detentur tal Karta ta' l-Identità bin-numru 406184 (M) u omissis akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Nhar is-7 ta' Dicembru, 2019, ghall-habta ta' 18:00 hrs gewwa Triq it Tabib J. Zammit, Balzan, ikkommettew serq ta' basket minn fuq il-persuna t' Antonia Galea, anzjana ta' wiehed u tmenin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ u bil hin ghad-dannu ta' l-istess Antonia Galea;
2. Nhar is 26 t' Ottubru 2019, ghall-habta ta' 20:45 hrs gewwa Triq Amery, Sliema, ikkomettew serq ta' basket ghad-detriment ta' Denise Schembri Wismayer,

liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu € u bil-hin ghad-dannu ta' l-istess Denise Schembri Wismayer;

3. Nhar it-22 ta' Dicembru, 2018, ghall-habta ta' 17:30 hrs, gewwa Triq il Karmnu, Birkirkara, ikkommettew serq ta' basket minn fuq il-persuna ta' Elena Sciberras, anzjana ta' erbgha u tmenin (84) sena, liema serq huwa kkwalifikat bil--hin, ghad-dannu ta' l-istess Elena Sciberras;
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrendew ruhhom recedivi ai terminita' l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-Qorti, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, il-Qorti, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-persuni indikati fl-imputazzjonijiet.

Rat li entrambe l-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu[1], liema ammissjoni giet minnu imtennija fid-9 ta' Dicembru, 2019[2].

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2019 markati Dok. "A" sa' Dok. "L" a fol. 9 sa' 37 tal-process.

Rat li waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2019 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kienx hemm Inkjesti li gew miftuha in konnessjoni mal-kazijiet li bihom qed jigu akkuzati l-imputati.

Rat li fuq talba tad-Difiza, b'digriet moghti fid-9 ta' Dicembru, 2019 l-Qorti ordnat li jsir *pre-sentencing report* fil-konfront ta' l- imputat.

---

[1] Fol. 5 tal-proċess.
[2] Fol. 41 tal-proċess.

Rat li b' nota tas-Senior Probation Officer Antonella Debono pprezentata fit-18 ta' Diċembru, 2019[3], il-Qorti giet infurmata li l-Probation Officer Joanna Farrugia giet nominata biex thejji l-*pre-sentencing report* fil-konfront ta' l-imputat Stephen Cassar.

Rat li b' digriet moghti fit-13 ta' Frar, 2020, wara x-xhieda moghtija mill-Probation Officers Joanna Farrugia waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2020, il-Qorti poggiet lill-imputat taht *Temporary Supervision Order.*

Semghet ix-xhieda tal-**Probation Officer Joanna Farrugia** moghtija waqt is-seduti tat-13 ta' Frar, 2020[4] u ta' l-10 ta' Marzu, 2020[5] u rat il-*pre-sentencing report* fil-konfront ta' Stephen Cassar minnha esebit bhala Dok. "JF" a fol. 72 sa' 87 tal-process.

Rat ir-rapport ulterjuri tal-Probation Officers Joanna Farrugia datat 10 ta' Lulju 2020[6].

Rat ir-rapport tal-Probation Officer Joanna Farrugia prezentat fil-31 ta' Awwissu, 2020.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 t' Awwissu, 2020, fejn il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 49, 257 D, 261 (c), (f), 267, 270, 279 (a), 280 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tenniet li sabet lill- imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u ghaldaqstant ikkundannat lill-akkuzat Stephen Cassar ghall-perijodu ta' sentejn (2) prigunerija effettiva.

Fid-dawl ta' dak li jirrizulta mill-*pre-sentencing reports* fil-konfront ta' l-imputat odjern relattivament ghall-valur ta' dak misruq minghand Antonia Galea u Elena Sciberras, entrambe ta' iktar minn tmenin (80) sena, a tenur ta' l-Artikolu 257 D (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-ewwel Qorti ordnat li l-imputat ghandu, *in solidum* ma huh Gordon Cassar, jirrestitwixxu s-somma ta' mitejn Euro (€200) lil Antonia Galea u s-somma ta'

[3] Fol. 38 tal-proċess.
[4] Fol. 70 u 70 tal-proċess.
[5] Fol. 94 u 95 tal-proċess.
[6] Fol. 101 u 102 tal-proċess.

(€70) lil Elena Sciberras. Dawn l-ammonti ghandhom jigu hekk restitwiti fi zmien massimu ta' sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Dejjem fid-dawl ta' dak li rrizulta mill-*pre-sentencing reports* fil-konfront ta' l-imputat relattivament ghall-valur ta' dak misruq minghand Denise Schembri Wismayer, a tenur ta' l-Artikolu 15 A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-ewwel Qorti ordnat li l-imputat ghandu jirrestitwixxi s-somma ta' seba' mitt Euro (€700) lil Denise Schembri Wismayer. Dan l-ammont kellu jigi hekk restitwit fi zmien massimu ta' sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Illi mill-provi prodotti kjarament irrizulta li l-imputat Stephen Cassar ghandu problema ta' abbuz ta' droga, a tenur ta' l-Artikolu 412 D tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-ewwel Qorti poggietu taht Ordni ta' Trattament, u dana ghall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taht il-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet ta' Ordni ta' Trattament, liema digriet kellu jifforma parti integrali minn dik is-sentenza. Tali Ordni gie mpost sabiex l-imputat jinghata t-trattament mehtieg u adattat biex tigi ndirizzata il-problema ta' abbuz ta' droga li huwa ghandu.

A tenur ta' l-Artikolu 412 D (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ewwel Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car il-kondizzjonijiet impost fuqu bl-Ordni ta' Trattament kif ukoll ir-responsabilità tieghu li f' kaz li ma jikkonformawx ruhu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament u cioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twahhlu ammenda ta' mhux izjed minn elf mija erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Antonia Galea, Elena Sciberras u Denise Schembri Wismayer, rabtet lil imputat b'obbligazzjoni tieghu innfisu taht penali ta' mitt Euro (€100) ghall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri minn dak inhar li huwa jiskonta il-piena karcerjarja hawn imposta fuqu u jigi rilaxxat b'mod definittiv mill-Facilità Korrettiva ta' Kordin. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l- imputat giet annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti avzat lil imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab hati quddiem Qorti kompetenti li

kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tieghu, is-somma ta' mitt Euro (€100) li ghaliha obbligu ruhu tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

In fine l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi kkundannat ghall-hlas ta' l-ispejjez in konnessjoni man-nomina ta' esperti a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu f'dawn il-proceduri ma gewx nominati esperti.

L-ewwel Qorti ghamlet rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin sabiex kemm jista' l-imputatStephen Cassar ma jinzamm flimkien ma huh Gordon Cassar stante li huma influwenza negattiva fuq xulxin u sabiex jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega u kull opportunità li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga li huma ghandu.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordnijiet maghmula bis-sahha taghha fil-konfront ta' l-imputati jigu komunikati lid-Diretturi tal-Probation Services u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat ir-rikors tal-appellant Stephen Cassar minnu pprezentat fid-9 ta' Settembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti jogghobha:

1. Tisma lill-medici kuranti tal-esponenti u lill-Probation Officer inkarigat minnu u kull xhud iehor li dina l-Onorabbli Qorti tqis bhala necessarju u sussegwentement tassumi l-funzjoni tal-Qorti tad-Droga kif dispost ai termini tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tvarja u tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi ta' nhar il-31 ta' Awissu 2020 fil-konfront ta' Stephen Cassar billi filwaqt li tikkonferma in kwantu fuq ammissjoni tieghu stess il-htija thassar il-parti tal-piena erogata u minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern u taghti dawk id-direttivi kollha li jidhrilha xierqa u opportuni

Rat illi l-appellant, Stephen Cassar hass ruhu aggravat minn din is-sentenza.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti;

**L-Ewwel Aggravju - Applikazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta**

1. Illi l-esponenti javalixxi ruhu mill-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi jissusistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi sabiex din l-Onorabbli Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti dwar id-Droga.

2. Qabel xejn issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Assistent Kummissarju) Norbert Ciappara vs Mario Zammit** moghti mill-Qorti Kostituzzjonali datata nhar it-18 ta' Lulju 2017 illi ddisponiet is-segwenti

   *"19. B'hekk il-ligi qed tikkontempla sitwazzjoni fejn, jekk qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, mhux necessarjament fl-ewwel stadju tal-proceduri kriminali, tkun sodisfatta illi jikkonkorru r-rekwiziti stipulati fl-istess artikolu, ghandha l-fakoltà li tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga bil-ghan illi tirrijabilita iktar milli tippenalizza lil min ikun akkuzat b'reati konnessi mad-droga. Permezz ta' din il-procedura l-akkuzat ikun jista' jibbenefika minn trattament, u piena, anqas milli kieku gie gudikat mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mill-Qorti tal-Appell Kriminali tal-volta, bhal fil-kaz prezenti jsir appell."*

3. Illi bhal ma ben taf din l-Onorabbli Qort kif preseduta, sabiex, jigi applikat l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 jinhtieg li jissussistu numru ta' elementi u cioe:

   i. Ir-reat li wiehed huwa mixli bih ma huwiex punibbli b'piena ta' aktar minn seba snin prigunerija;
   ii. Ir-reat ma jikkostitwixix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-esponenti kien fil-pussess ta' arma regolari jew bl-uzu ta' nar jew splussiv;

iii. Tali reat huwa sostanzjalment attriwibbli ghad-dipendenza tad-droga ppruvata, tal-akkuzat

iv. Jezistu ragunijiet oggettivi illi jindikaw li l-esponenti x'aktarx jigi ri-abilitat minn tali dipendenza jew li ghamel progress jew sforz sostanzjali sabiex jehles minn tali dipendenza.

4. Fir-rigward **tal-ewwel element** u cioe li r-reat ma huwiex punibbli b'aktar minn seba snin prigunerija l-esponenti ma huwiex ser joqghod jelabora fuq tali element u dan billi jidher car illi l-imputazzjonijiet ammessi mill-appellant ma jgorrux aktar minn sebgha snin prigunerija.

5. Hekk jinghad ghal dak illi jirrigwarda **t-tieni element** u dan billi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-esponenti la kienu jikkostitwixxu f'reat volontarju kontra l-persuna u wisq anqas kien hemm xi forma ta' armi regolari jew nar jew splussiv uzat fit-twettieq tar-reat.

6. Illi mill-banda l-ohra ghal dak li jirrigwarda **t-tielet element** jigi sottomess illi kif gie ben pruvat matul il-mori tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali r-reati kommessi mill-appellanti u cioe s-serq huma kollha frott tal-vizzju mishut li ghandu tad-droga u dan sabiex huwa jkun jista jiffinanzja il-kilba li jkollu ghal-istess.

7. Jinghad illi kif ben xehdet il-probation officer mahtura mill-Qorti tal-Magistrati sabiex tosserva u tigwida lill-appellant, l-esponenti ilu sa min mindu kien adoloxxenti mahkum minn dan il-vizzju

> *"L-imputat beda jabbuza mid-droga fl-adolexxenza minkejja li ghamel programm fl-intier tieghu mal-OASI huwa kien rega waqa fil-vizzju wara xi zmien* ***u ma jidhrix li f'dawn l-ahhar ghaxar snin minn meta ghamel il-programm huwa hadem wisq biex jeghleb dan il-vizzju****"*

8. Illi tant dan huwa minnu illi l-istess Qorti in prim' istanza imponiet Ordni ta' Trattament kemm fuqu kif ukoll fuq huh. Ghalhekk dan l-element huwa wiehed pruvat.

9. Finalment ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-raba' element rikjest mil-ligi, hija l-umli fehma tal-esponenti illi jezistu ragunijiet oggettivi illi l-esponenti jerga jigi ri-abilitat u/jew ghamel progress jew sforz sostanzjali bil-ghan illi jeghleb dan il-vizzju.

10. Jigi sottomess illi ghalkemm min mindu huwa gie mixli quddiem il-Qorti sal-ghotja tas-sentenza [illi kienu ftit xhur, tenut kont li ilu ghexieren ta' snin jabbuza mis-sustanzi], skont kif rappurtat mill-Probation Officer tieghu huwa waqa' kemm il-darba ghall-vizzju tad-droga jinghad illi f'dawn ix-xhur stess xorta wahda ghamel progress fl-agir tieghu kif ukoll fir-relazzjoni li ghandu ma dawn is-sustanzi qerrieda.

11. Fuq dan il-punt issir referenza ghall-fatt illi filwaqt illi fl-ewwel pre-sentencing report mahrug mill-probation officer Joanna Farrugia kienet qieghed jigi rilevat illi

> *"Jinhass li huwa importanti ferm li l-imputat jindirizza l-problema tad-droga b'mod aktar serju.* ***Jidher li fuq barra qed isibha difficli sabiex izomm il-boghod minn dan il-vizzju u jaghmel pjan konkret ghal programm residenzjali"***

12. Xhur wara dak relevant minnha, jidher illi sar progress da parti tal-appellant, u dan skont il-Keyworker Juan Jorge Vella fi hdan l-FSWS fl-email ccitati hawn taht, tant li sal-prezentata ta' dan l-appell l-appellant kif ser jibda programm ta' ri-abilitazzjoni:

    a) Email datata 6 ta' Lulju 2020

> *"… Since the case allocation back in February 2020 improvement motivation and increased focus are evident. Service user has maintained contact throughout, and during the said COVID-19 lockdown*

…

*In fact, in terms of progress in his care plan we are at a standstill.* ***Hence a sentence not leading to imprisonment can induce to turning point, plus promote such behaviour shown up until now"***

b) Email datata 28 ta' Awissu 2020

*"From my end Stephen kept contact and never missed a session with no reason or without re-scheduling it within the same week*

…

*Then on Wednesday 003/09/20 an admission to Dar l-Impenn, Agenzija Sedqa's in-patient unit, will follow for further detoxification from his methadone medication. The detoxification will last for 10/11 days, where at its end Stephen* ***will be admitted to the first phase of our rehab programme and initiate a 14 month process towards re-integration in the community****"*

13. Illi ghalhekk l-esponenti jemmen illi huwa ghandu jinghata l-opportunita illi jirriforma ruhu, minghajr ma jidhol il-habs u dan sabiex jeghleb darba ghal dejjem dan il-vizzju u dan wara li din l-Onorabbli Qorti tisma lit-tobba kuranti, l-Probation Officer inkarigat, u kwalunkwe persuna ohra li ssegwi lill-esponenti u l-progress li huwa qed jaghmel sal-gurnata tal-llum u li tqies necessarju.

*"Huwa important li huwa jkun konsistenti fil-kuntatt tieghu mal-professjonisti sabiex jaraw il-motivazzoni tieghu ghall-programm. Fejn jidher li f'dan l-ahhar xhur huwa kien aktar konsistenti fil-kuntratt tieghu u qed juri izjed motivazzjoni sabiex jindirizza l-vizzju tieghu"*[7]

**It-Tieni Aggravju - Il-Piena Imposta ma hijiex wahda ekwa u gusta**

[7] Fol 102 tal-process

14. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess illi fi kwalunkwe kaz tenut c-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-piena ta' karcerazzjoni imposta fuq l-appellant ma kinitx wahda gusta u ekwa u ghalhekk timmerita temperament.

15. Fuq dan il-punt issir referenza ghal dak li dak li jghid **Kenny** fil-ktieb "**Outlines of Criminal Law"** li jghallem

> *"As regards the offence, account must be taken: (1) of the greatness or smallness of the evil likely to result from acts of its class; (2) of the facility and difficulty with which it can be committed or, again with which it can be detected; (3) of the frequency or rarity with which, at the particular time concerned, acts of this class are being committed; (4) of the aggravating or extenuating circumstances which accompanied this particular act…*
>
> *As regards the offender himself, account must be taken: (1) of his age, health and sex; (2) of his rank, education, career and disposition; (3) of his motive; (4) of any temptation, or intoxication under the influence thereof he acted; (5) of his susceptibility to punishment…"*

16. Jigi sottomess illi ghalkemm il-probation officer fil-bidu kien qed tirrakomanda piena karcerarja il-Qorti in prim' istanza tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluz dak li kien qieghed jindika il-*keyworker* fl-emails tieghu, eskludiet totalment l-aspett riformattiv li s-sentenza moghtija minnha setgha kellha fuq l-esponenti.

17. Bhal ma ben hija edotta din l-Onorabbli Qorti is-sistema gudizzjarja hija wahda li tinklina aktar lejn ir-riforma tal-hati aktar milli lejn il-kundanna u l-kastig tieghu u dan billi kif tghallimna l-Qorti l-piena ghandha titfassal sabiex tkun adattata ghal persuna tal-hati u mhux ghar-reat kommess minnhu u dan bil-ghan illi ma jergax jirripetti il-hazen illi huwa jkun wettaq.

18. Issir referenza ghas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **<u>Pulizija vs Stephen Spiteri</u>** moghtija nhar it-22 ta' Settembru 2013

*"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'.*

*Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac- cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t- triq it-tajba"*

19. Illi ghalkemm huwa minnu li l-Qorti in prim' istanza nnutat illi l-esponenti fil-mori tal-proceduri kien nstab posittiv ghad-droga, wiehed xorta wahda ghandu jqies il-fatt illi skont il-*keyworker* l-appellant wera progress fl-agir tieghu tant li beda jattendi programm ta' ri-abiltazzjoni.

20. Jinghad illi ma hijiex fin-natura tal-imputat li jwettaq reati ta' dan it-tip u jagixxi kontra l-interessi ta' dak li tirrikjedi minnu s-socjeta. Ir-reati mwettqa minnhu huma l-frott ta' vizzju li ilu mahkum minnu ghal ghexieren ta' snin. Din il-Qorti ghandha wkoll tiehu kont tac-cirkostanza partikolari tal-fatt illi l-esponent huwa tewmi, u ghandu relazzjoni stretta ma huh tant li skont il-probation officer.

*"Fattur li ma jghinx li huwa jeghleb dan il-vizzju huwa l-att li huwa hu huh it-tewmi t-tnejn ghandhom problema tad-droga li taghmilha*

*aktar difficli sabiex joqghodu l-boghod minn dan il-vizzju ghaliex wiehed iwaqqa lil iehor."*

*21.* Certament illi l-vizzju bl-ebda mod ma jiskuza ir-reati mwettqa mill-appellant, u l-hsara li twettqet fuq il-persuni, izda wiehed ghandu wkoll jifhem li dan l-agir kien wiehed kkundizzjonat mill-ghatx li kellu ghad-droga li wasslu sabiex jisraq bil-ghan illi huwa jkun jista jiffinanzja dan il-vizzju.

*22.* Izda madanakollu jigi rilevat illi l-habs ma huwiex il-post idoneu b'liema wiehed jista jfieq minn dan il-vizzju u daqstant l-esponenti jemmen illi l-piena imposta fuq l-appellant ghandha tkun wahda li tghinu johrog darba ghal dejjem mill-vizzju tad-droga, f'post li huwa armat u attrezzat b'persuni ta' esperjenza li jistghu jiggwidaw lill-appellant fit-triq it-tajba.

*23.* Il-fatt li kemm huwa u huh it-tewmi jinfluzaw lil xulxin fl-agir taghhom, juri kemm huwa aktar importanti li jinghataw kura individwali u ffukata fuqhom u dan sabiex ma jerghux ikunu r-rovina ta' xulxin!

24. Mill-banda l-ohra, ghalkemm il-habs wiehed jista jqisu ta' deterrent huwa mifni minn persuni li wettqu firxa ta' reati ferm aghar minn dawk li nstabi hati taghhom l-appellant u li jista mhux biss ma jfeqjux mill-problema li huwa ghandu llum izda jwasslu ghal vizzji ohra

25. Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar id-9 ta' Ottubru 2008 fejn gie dispost

*"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li*

*m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' lAvukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.*

26. Illi ghalhekk tenut kont tal-fatt illi l-appellant ammetta mal-ewwel ghall-imputazzjonijiet migjuba kontrih, tal-fatt illi l-fedina penali tieghu ma hijiex wahda li ghandha storja twila ta' reati kriminali, kif ukoll tal-fatt li jezisti xaqq ta' dawl sabiex l-appellant johrog mill-vizzju tad-drogg zgur li piena karcerarja ma hijiex wahda idonea ghal kaz de quo

Rat is-sentenza taghha moghtija fit-23 ta' Marzu, 2021 fejn hija cahet it-talba tal-akkuzat sabiex din il-Qorti tikkonverti ruha fi Qorti ta'Droga u dan ghaliex rat li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub artikolu (2) tal-artikolu 8 tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta mhumiex sodisfatti fl-intier taghhom u ghalhekk kienet tal-fehma li m'ghandhiex tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u konsegwentment ma assumietx l-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga.

Semghet lill-partijiet jittrattaw it-tieni aggravju tal-akkuzat appellant u cioe li l-piena inflitta mhiex idoneja u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-ewwel qorti ma tatx kaz l-ghan ewlieni ta' sentenjzar u cioe r-riabiltazzjoni tal-akkuzat.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa l-atti tal-process u b'mod partikolari jekk sarx xi progress fl-imgieba tal-akkuzat waqt il-mori ta'smiegh ta' din l-kawza u dan ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tidhol u tbiddel id-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti meta giet biex terroga l-piena taghha.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija Vs Charles Victor Edward Cassar**[8] fejn waqt li sar rferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-pulizija vs Joseph Zahra**[9] gie senjalat li " *kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta, "principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."* Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "*safe and satisfactory*" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti .

Ili nhar it-12 ta' Jannar 2021 xehdet l-Ufficjal tal-Probation **Joanne Farrugia** li kkonfermat li ilha ssegwi lil Stephen Cassar minn Dicembru 2019. Tghid li kienet intalbet tghamel pre-sentencing report quddiem il-Magistrat Gabriella Vella in konnssjoni ma din l-istess kawza. Tghid li l-appellant Stephen Cassar kien tressaq il-Qorti taht arrest nhar id-9 ta' Dicembru, 2019 u kien inghata l-bail fis-7 ta' Jannar 2020. Qalet li l-kuntant kien wiehed inkonsistenti u in oltre tghid li hadet kampjun tal-awrina tal-appellant biex tittestjah ghall-presenza ta' droga u dawn hargu posittivi ghall-presenza tas-sustanza illecita Eroina u Kokaina. In oltre nhar it-13 ta' Frar, 2020

[8] Deciza mill-Qorti tal-appelli Kriminali fid-29 ta' Mejju 2003 Appel Numru 15/2003
[9] Deviz fl-10 ta' Mejju 2002

kienet inharget Ordni ta' Supervizzjoni u dan bil-ghan li l-Qorti ikollha iktar zmien biex tasal ghall-gudizzju taghha billi ikollha f'idejha aktar rizultati ta' testijiet ohra. F'temp ta' xahar haditlu erba' testijiet ohra li kollha kellhom rizultat prosittiv ghall-presenza tad-droga Eroina u Kokaina. Bejn Marzu u Lulju kien inqata' maghha l-kuntat minhabba l-pandemija u zammew kuntatt biss bit-telefon f'liema zmien kien qed ighidlha li kien *'clean'*. Dan ma setghetx tivverifkah ghaliex ma setghetx tiltaqa' mieghu biex tohodlu t-testijiet.

F'Awwssi, 2020 regghet bdiet bit-tetijiet u l-ewwell appuntament li tatu kien fl-4 ta' Awwissu, 2020 izda ma kienx mar u mar fit-28 ta' Awwissu, 2020 u kien halla kampjun tal-awrina u dan gie tested u ta' rizulat posittiv ghall-presenza ta' Eroina u Kokaina. Tghid li l-appellant inghata is-sentenza tieghu fil-31 ta' Awwissu 2020 u hija baqghet issegwih.

Fit-3 ta' Settembru 2020 tghid li kien dahal Dar l-Inpenn izda ftit wara kien hareg u sppost kellu jibda l-process ghal programm pero kien hareg wara erbat ijiem kontra kul parir mediku li inghata.

Regghet baghtet ghalih fil-15 ta' Settembru, 2020 u rega taha kamjun tal -awrina tieghu li ta' rizultat posittiv ghall-presenza tad-droga Eroina u Kokaina. Kien ippospona l-appuntament ghat-8 ta' Ottubru, 2020 izda dakinhar kien ma jiflahx u ma marx. Fid-19 ta' Ottubru, 2020 rgghet haditlu test iehor u dan rega ta' rizultat posittiv ghall-presenza ta' Eroina u kokaina. Hija imbaghad tatu appuntament iehor ghas-16 ta' Novembru, 2020 izda dan gie pospost min naha taghha minhabba li d-dipartiment kien fi kwarantina. Fil-15 ta' Dicembru, 2020 kellu imur izurha izda kien cemplilha u qallha li kellu ugiegh fis-snien u li kellu jmur ghand id-dentist. Qaltlu li kien importanti li imur ghandha ghaliex ma kienitx ser tkun tista tarah waqt il-perijodu festiv. Dan ma marx u wisq inqas ghamel kuntatt maghha imbaghad ma semghet xejn iktar minghandu. Ghalhekk dan l-agir tal-appellant Stephen Cassar ikkonfermalha li dak li kitbet fil-pre sentencing report taghha u cioe li akkuat Stephen Cassar kellu bzonn piena ta' prigunerija b'Ordni ta' trattament kien korrett. Thoss li sabiex l-appellant ikun jista jghamel programm irid ikun f'post konfinat ghax fuq barra ma jirnexxilux jibqa' '*clean*'.

**Dr Joe Tonna** xehed nhar it-12 ta' Jannar, 2021 u spjega li huwa ilu jara lill-appellant Stephen Cassar mis-sena 2003 u dan gewwa id-Detox. Prattikament hlif f'certu cirkostanzi zghar meta kien il-habs, jew meta ipprova jghamel programm jew meta dahal dar l-Impenn. Jghid li kien fuq il-methadone u dan ghaliex ghandu *substance dependency problem* principalment fuq l-Eroina ghalkemm jabbuza ukoll mid-droga Kokaina. Kemm ilu jarah u cioe mis-sena 2010 kien ghamel il-programm tal-Oasi u kien kwazi spiccah kollu izda imbaghad jaf li kellu relapse tal-Eroina. Fis-sena 2019 ghamel zmien fl-ASU li huwa speci ta' shelter temporanju gewwa is-Sedqa. Ricentement bdew anke jahdmu fuqu biex isegwi il-Councillor tieghu Juan li jahdem maghhom. Ghamlu l-preparamenti kollha tant li anke irnexxilhom idahluh Dar l-Inpenn biex jghamel *detoxification* mill-methadone izda fil-process li jinghata l-agenda biex imur fil-progamm dan splitja. Il-pjan hu li jmur ghar rehabilitation, pero fil-present ghadu jiehu l methadone. Fl-ammont ta' 95.

Il-fatt li l-livel ta' methadone hu gholi hafna jimpedih milli jiba programm. L-ideja hi li jkomplu isegwuh bil-counselling halli jippreparawh ghall-programm. Jista jibda programm biss jekk il-livell tal-methadone jinzel ghal 50/60. Dan pero ma isehhx jekk ma jkunx hemm il-volja. L-iktar haga li jrid ikun hemm hija il-moitivazzjoni u f'dan il-kaz **mhiex daqstant facli** [10]wara ghaxar snin ta' tehid u abbuz ta' droga. Spjega li fil-prezent ma jahdimx u l-fatt li jista jispicca gewwa b'din is-sentenza ma tghinux. Jghid li huwa jippreferi li kieku kellu jghamel il-programm.

**Juan Vella** rapprezentant tas-Sedqa xehed nhar id-19 ta' Jannar, 2021 u kkonferra li l-appelant Stephen Cssar kellu kuntatt mas-servizz taghhom lejn Frar, 2020 u kellu motivazzjoni indirizzata lejn il-programm. Fil-fatt zamm din il-motivazzzjoni tant li waslu biex jidhol il-programm lejn il-bidu ta' Settembru wara li giet deciza din il-kawza mill-ewwel Qorti. Kien hemm *misunderstanding* u dan fil-fatt tfixkel meta wasal biex jidhol il-programm ghaliex haseb li bil hmsitax-il xahar prigunerija li inghata mill-ewwel Qorti huwa kien ser jitlef il-programm. Qal li wara li spicca mill-programm huwa hadem fuq l-appellant u regghu waslu fi stadju li jerga jidba l-programm.

[10] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti

Ghamlulu zewg *referrals* ohra, jghamlu zewg sessions fil-gimgha u qed juri committment u issa waslu fazi fejn jista jerga jidhol programm pero qabel ma jaghtuh data iridu jkunu jafu x'ser isir minn din il-kawza.

Qal li huwa ra progress fl-appellant minn Frar, 2020 u minkejja li kien hemm il- COVID ma tilifx kuntatt maghhom kif ghamlu numru ta' klijenti ohra Minkejja li hareg min dar l-Impenn zamm kuntatt regolari mieghu, icempillu u jirrispondi. Sessions mieghu dejjem mar u ghalhekk il-motivazzjoni tieghu qed tissahhah. Qal li fil-kaz tal-appellant hemm bzonn ta' **certu containment biex jkun jista' jghamel l-programm u dan ghaliex minn barra ma jirnexxilux.** [11]Cio nonnostante pero motivazzjoni ghadha hemm.

Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita li tifli u tara kemm ix-xhieda tal-uffiċjal tal-probation Joanne Farrugia kif ukoll il-Pre Sentencing Report redatt minnha fejn jidher ċar illi seta kien hemm xi sforzi mal-appellant sabiex jaqbad it-triq it-tajba u jitlaq mill-vizzju tad-droga li kienet ħakmitlu ħajtu, hu ma tantx wera rieda jew interess sabiex ighin lilu innifsu tantli baqa' jiehu s-susstanzi illecita anke waqt l-andament ta' dawn l-istess proeduri fejn ghandu sentenza ta' prigunerija imdendla fuq rasu. Hu ma kienx dejjem koperattiv meta mitlub jattendi għall-appuntamenti u meta sarulu t-testijiet tal-urina dawn kienu posittivi għad-droga u dan f'divesi okkazjonijiet. Jidher ukoll li xogħol stabbli ma kellux tant li skond id-dokument 8 esebit fl-atti a fol. 88 jirrizulta li bhala xoghol l-uniku xoghol registrat mal-Awtoritajiet kien dak ta' self employed u dan b'effett mit-2 ta' April, 2019 minkejja li ghandu 37 sena. Jirrizulta ukoll li l-appellant kellu opportunitajiet biex jindirizza bis-serjeta l-problema tieghu ta' abbuz ta' droga pero ma gharafx jisfrutta din l-opportunita. Dr Joe Tonna kkonferma li kien ilu jiehu hsieb lill-akkuzat ghal dawn l-ahhar tmintax-il sena hlif f'certu cirkostanzi zghar meta kien il-habs, jew meta ipprova jghamel programm jew meta dahal dar l-Impenn pero ftit li xejn innota progress tant li meta xehed kkonferm ali l-appellant kien qieghed jiehu metahadone fl-ammont ta' 95 ml u bhekk dan hu indikattiv li l-

[11] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti

vizzju tal-appellant huw wiehed serju u ghandu jigi indirizzat b'mod serju kif stqarret il-probabtion officer Joanne Farrugia u Juan Vella rappresentant tas-Sedqa li dan ghandu jsisr minnarea ta' containment u dan ghaliex minn barra ma jirnexxilux . Inoltre mill-fedina penali tieghu jidher illi huwa diga instab hati ta' reati marbuta kemm fir-rigward pusess ta' droga kif ukoll fir-rigward ta' offiza tas-serq.

Illi l-**artikolu 142(1) tal- Criminal Justice Act 2003** fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

> *(a) the punishment of offenders*
> *(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)*
> *(c) the reform and rehabilitation of offenders*
> *(d) the protection of the public*
> *(e) the making of reparation by offenders to persons affected by thier offence.*

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

Illi f'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti ghandha taghti l-harsien lill-pubbliku in generali u dan ghaliex billi l-appellant ma ghandux interess johrog mill-vizzju tad-droga, tezisti l-biza rejali ta' repetizzjoni tal-offizi u dan kif tixhed il-fedina penali tieghu. Fuq kollox jekk l-appellant verament ghandu r-rieda li jeghleb il-problema tad-droga li minnha huwa mahkum jista' jindirizzaha minn gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin li joffru dan is-servizz. Mhux talli hekk izda illum il-gurnata bl-ghajnuna, attenzjoni akuta u kura persistenti li qed jghati id-Direttur tal-Habs il-Kurunell Alex Dalli, huwa rapportat ma ghadx hemm abbuz ta' droga gewwa l-habs u ghalhekk f'dawn i-cirkostanzi huwa l-post idoneju sabiex jekk verament irid jindirizza l-vizzju tieghu

ghandu jisfrutta din l-opportunita u jikkonverti l-piena imposta ' sentejn prigunerija efffettiva bhala opportunita li minnha ghandu jitghallem minnha.

Din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-piena erogata mill-Ewwel Qorti li taqa' fil-parametri tal-ligi. Filwaqt li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-sentenzi tal-Qorti li l-appellant ghamel referenza ghalihom fir-rikors tal-appell tispejga li f'dawk ic-cirkostanzi tas-sentenzi citati minnu l-akkuzat kiienu , kien hemm certament "*prospect of success*" ta' mizura partikolari ghar-riforma tal-appellant.

Illi rinfaccjata b'dan l-kwadru din il-Qorti tara li ma fadalx triq ohra sabiex tghin lill-appellant, hlief li huwa jinzamm ghal perijodu ta' zmien inkarcerat fejn allura jkun jista' jibbenfika mill-ghajnuna li tinghata fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin lil dawk il-persuni li jkunu afflitti mill-problema tad-droga. Dan ghaliex jidher illi jekk din id-decizjoni tithalla fil-gudizzju liberu ta'l-appellant, huwa jibqa' xortawahda jabbuza mid-droga. Jidher illi din l-ghajnuna diga' tinghatatlu b'mod attiv u effettiv minn barra l-konfini tal-has u l-akkzuat ha bbenefika xejn minnha. Jehtieg jekk verament l-appellant irid jindirizza il-vizju mishut tieghu ta' abbuz ta' droga li bl-ghajnuna tal-profesjonisti li hemm gewwa l-Habs isir pjan ta' kura bil-ghan li l-istes appellant jista' jikseb il-frott mixtieq minn din l-Onorabbli Qorti.

Il-Qorti tittama illi una volta l-appellant jkun inkarcerat u mizmum ghalhekk taht supervizjoni kontinwa, forsi jkun hemm cans ikbar li jindirizza il-problema li ghandu b'iktar serjeta' milli kien qed jaghmel meta baqa' igawdi il-liberta'. Illi l-gustizzja restorattiva ma tfissirx biss illi persuna tinzamm 'il boghod mid-detenzjoni kif donnu ried ifisser l-auakt ifensur tal-appellabt, ghaliex f'certu cirkostanzi d-detenzjoni tista' tissarraf f'riforma iktar milli piena ohra alternattiva ghaliha.

Il-Qorti kellha opportunita' tara kif f'iktar minn kaz wiehed persuni detenuti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin jistghu bl-ghajnuna u l-programmi li jigu offerti fil-habs, ghal min jgharaf jahtaf dina l-opportunita', jirriformaw hajjithom xorta wahda ghalkemm jinsabu detenuti. Il-Qorti allura f'dan il-kaz tqies illi l-ahhar tama li tezisti

illi l-appellant igharaf jindirizza l-problema tieghu tad-droga huwa li jaccetta l-ghajnuna li huwa jista' jinghata fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

**Tordna notifika ta' din id-decizjoni lid-Direttur Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jara illi l-appellant ikompli jinghata dik l-ghajnuna kollha li ghandu bzonn biex jindirizza il-problema serja li ghandu tal-vizzju tad-droga qabel ma jkun tard wisq ghalih.**

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur